Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,138, 19 ta' Frar, 2019

Taqsima B

A.L. 35 tal-2019

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Blockchain and Distributed Ledger Technologies – M.Sc. – taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tat-Teknoloġiji għad-Distributed Ledger

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Ċentru tat-Teknoloġiji għad-Distributed Ledger bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 8 (b) (v) tal-Istatut għaċ-Ċentru u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Blockchain and Distributed Ledger Technologies – M.Sc. – taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tat-Teknoloġiji għad-Distributed Ledger.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord taċ-Ċentru tat-Teknoloġiji għad-Distributed Ledger;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"iċ-Ċentru" tfisser iċ-Ċentru tat-Teknoloġiji għad-Distributed Ledger;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science in Blockchain and Distributed Ledger Technologies – M.Sc.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science in Blockchain and Distributed Ledger Technologies – M.Sc.;

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate in Blockchain and Distributed Ledger Technologies – P.G.Cert.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Blockchain and Distributed Ledger Technologies – P.G.Dip.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew fi Frar 2019 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. Il-Kors ikun offrut fi kwalunkwe wieħed mill-oqsma ta' studju li ġejjin, jew fi kwalunkwe qasam ta' studju ieħor li jaqa' taħt ir-responsabbilità akkademika tal-Bord:

(a) Information and Communication Technology;
(b) Law and Regulation; u
(c) Business and Finance.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom grad ta' Bachelor minn din l-Università miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi (bl-Unuri) jew f'Kategorija II fl-oqsma tal-Business, l-Ekonomija, il-Finanzi, il-Liġi, il-Management, l-Information Technology, jew fi kwalunkwe qasam ieħor li l-Bord iqis xieraq.

(2) L-applikanti li għandhom grad ta' Bachelor minn din l-Università miksub fit-Tielet Klassi (bl-Unuri) jew f'Kategorija III fid-dixxiplini msemmija f'paragrafu (1) ta' dan l-ordinament jistgħu japplikaw jekk ikollhom ukoll kwalifiki oħra jew għall-anqas ħames snin esperjenza ta' xogħol rilevanti, miksuba wara l-grad tal-ewwel ċiklu. Id-dħul tal-applikanti skont dan l-ordinament jista' jkun kondizzjonalment skont ir-riżultati ta' valutazzjoni kif il-Bord iqis xieraq.

(3) Għall-programm ta' studju prinċipalment mgħallem l-applikanti għandhom jispeċifikaw l-għażla ta' wieħed mill-oqsma ta' studju indikati fl-ordinament 3 fiż-żmien meta jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

(4) L-applikanti eliġibbli jistgħu jirreġistraw bħala studenti viżitaturi għat-taqsimiet studju individwali u jiksbu l-kretti għalihom. Jekk dawn l-istudenti jiġu aċċettati biex jidħlu fil-Kors fi żmien seba' snin minn meta segwew l-ewwel

taqsima studju, il-Bord jista' jagħti permess li dawn il-kretti jiġu trasferiti għar-rekord akkademiku tal-Kors tal-istudent.

(5) Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat l-għadd tal-applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għal kull qasam ta' studju, skont id-disponibbilità tar-riżorsi. L-għadd ta' postijiet disponibbli għandu jitħabbar fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(6) Meta l-għadd ta' postijiet għal kwalunkwe qasam ta' studju jkun limitat u l-għadd tal-applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jiġu magħżula skont il-kriterji li ġejjin, li l-piż tagħhom ikun ippubblikat fiż-żmien tas-sejħa tal-applikazzjonijiet:

(a) it-tip u l-klassifikazzjoni tal-grad; u
(b) l-esperjenza ta' xogħol jew esperjenza dokumentata fil-qasam ta' studju magħżul.

(7) Jekk ikun neċessarju, il-Bord jista' jeħtieġ lill-applikanti biex jattendu intervista. Il-livell milħuq waqt l-intervista, li għandha titmexxa minn bord tal-intervisti magħmul minn għall-anqas tliet membri, għandu jiġi kkunsidrat fil-proċess tal-għażla.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time.*

Il-Programm ta' Studju

6. Il-programm ta' studju jista' jkun jew prinċipalment mgħallem jew prinċipalment bir-riċerka, u għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS.

7. (1) Il-programm ta' studju prinċipalment mgħallem jikkonsisti minn taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati total ta' 60 krettu ECTS u taqsima studju tad-dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati 30 krettu ECTS.

(2) L-istudenti li jiksbu t-30 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Certificate.

(3) L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess id-dissertazzjoni, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

8. Il-programm ta' studju prinċipalment bir-riċerka jikkonsisti minn taqsima studju mgħallma li għaliha hemm assenjati total ta' 5 kretti ECTS u taqsima studju tad-dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati 85 krettu ECTS.

9. F'każijiet fejn l-applikanti jkollhom nuqqas ta' għarfien f'oqsma partikolari mhux koperti fl-ewwel grad tagħhom, il-Bord, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Istudji jew tal-Panel ta' Supervizjoni tal-applikant, jista' jeħtieġ li l-applikant isegwi u jgħaddi minn taqsimiet studju suppplimentari ta' livell 4 jew anqas li għalihom hemm assenjati mhux aktar minn 12-il krettu ECTS.

10. Il-programmi ta' studju għandhom jkunu ppubblikati wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

11. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha ssir sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 krettu ECTS jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors fuq bażi *full-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom matul is-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 10 kretti ECTS jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors fuq bażi *part-time* jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom matul is-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(4) L-istudenti li jeħlu fit-taqsima studju mgħallma fi programm ta' studju prinċipalment bir-riċerka jkunu eliġibbli biex joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid ta' din it-taqsima studju fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(5) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafi (2) u (3) ta' dan l-ordinament jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Id-Dissertazzjoni fil- Programm ta' Studju Prinċipalment Mgħallem

12. (1) Fi programm ta' studju prinċipalment mgħallem imfassal skont l-ordinament 7, l-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali (30 krettu ECTS) ta' mhux aktar minn 15,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord tal-Istudji. Id-dissertazzjoni għandha tissodisfa wkoll lill-Bord tal-Eżaminaturi rigward il-kontenut u l-preżentazzjoni.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir waqt it-tielet semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji qabel it-tmiem tat-tieni semestru.

(4) L-istudenti għandhom jitolbu l-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji permezz tas-superviżur tagħhom għal kwalunkwe modifikazzjonijiet sostanzjali fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni.

(5) L-istudenti huma meħtieġa li jkollhom kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom, li għandhom jissottometti rapporti dwar il-progress tal-istudent/i taħt is-superviżjoni tagħhom lill-Bord tal-Istudji fl-aħħar ta' kull semestru ta' studji, kemm jekk l-istudent ikun qiegħed isegwi l-kors fuq bażi *full-time* jew fuq bażi *part-time*.

(6) Ir-rapporti tas-superviżuri jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

Id-Dissertazzjoni fi Programm ta' Studju Prinċipalment bir-Riċerka

13. (1) Fi programm ta' studju prinċipalment bir-riċerka, imfassal skont l-ordinament 8, l-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali (85 krettu ECTS) ta' madwar 40,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord tal-Istudji. Id-dissertazzjoni għandha tissodisfa wkoll lill-Bord rigward il-kontenut u l-preżentazzjoni.

(2) L-applikanti għall-programm prinċipalment bir-riċerka għandhom jissottomettu (a) it-titlu provviżorju; u (b) il-proposta tar-riċerka proviżorja flimkien ma' l-applikazzjoni tagħhom għall-approvazzjoni tal-Bord.

14. (1) Kull student għandu jkun assenjat superviżur mill-Bord li għandu jipprovdi gwida u pariri matul il-perijodu ta' studju, li jibda mit-tfassil ta' proposta ta' riċerka dettaljata bil-miktub.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir fi kwalunkwe żmien matul il-Kors wara l-approvazzjoni tal-proposta.

15. (1) Il-Bord għandu jaħtar Panil ta' Superviżjoni għal kull student, normalment magħmul minn tliet membri kif ġej: id-Direttur, jew id-delegat tiegħu/tagħha bħala *chairperson* u żewġ membri oħra, li wieħed minnhom ikun is-superviżur tar-riċerka, sakemm li meta d-Direttur ikun is-superviżur, huwa jew hija ma jkunx maħtur/a *chairperson.*

(2) Il-Panils ta' Superviżjoni għandhom isegwu, skont kif jidrilhom xieraq, il-progress tal-istudenti matul il-Kors, sakemm li jiltaqa' għall-anqas darba kull sena biex jirrevedi l-progress.

(3) L-istudenti huma meħtieġa jiltaqgħu mas-superviżur tagħhom mill-anqas darba kull xahrejn, u barra minn hekk aktar spiss jekk is-superviżur jidhirlu li dan hu meħtieġ.

(4) Is-superviżuri huma meħtieġa li jagħtu lill-Panil ta' Superviżjoni jew lill-Bordijiet ta' l-Istudji rapporti dwar l-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom fl-aħħar ta' kull semestru ta' studji. L-istudenti għandhom jitolbu l-approvazzjoni tal-Panil ta' Superviżjoni għal kwalunkwe modifikazzjoni sostanzjali fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni

(5) Il-Panils ta' Superviżjoni jew il-Bordijiet tal-Istudji kif xieraq għandhom jinfurmaw lill-Bord dwar il-progress ġenerali ta' kull student. Dan il-parir jista' jinkludi rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li l-kondizzjonijiet speċifikati fis-sotto-paragrafi (i) u (ii) tal-paragrafu (6) tal-ordinament 12 għandhom japplikaw ukoll f'dawn il-każijiet.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

16. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

17. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.